MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### GINO CAMILLERI

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2005

Citazzjoni Numru. 1174/1993/2

**Dr. Jose' Herrera ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Forestals Building Material and Services Limited**

**vs**

**Carmelo Penza u Joseph Camilleri**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur nomine ippremetta:-

Illi l-attur odjern jirraprezenta s-socjeta attrici minflok Dr. Godwin Muscat Azzopardi;

Illi l-attur nomine kien gie kanonizzat kreditur tal-konvenuti skond sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fl-ismijiet "Dr. Godwin Muscat Azzopardi nomine vs Carmelo Penza

et" fl-14 ta' Ottubru 1987 fis-somma ta' hames mija u hamsa u ghoxrin lira u hamsa u hamsin centezmu (Lm525.55) bhala sorte, u bhala spejjez tnejn u tmenin lira u tmienja u tmenin centezmu u zewg millezmi (Lm82.88,2) skond id-dokument “A” oltre l-imghax mid-data tas-sentenza;

Illi l-konvenut Joseph Camilleri hallas parti zghira minn dan id-debitu wara li gew istitwiti mandati relattivi u ghalhekk ghad baqa' ammont konsiderevoli;

Illi ghaddew aktar minn tliet snin u ghalhekk is-sentenza msemmija mhux aktar ezegwibbli;

Ghalhekk l-attur nomine talab li l-konvenut jghid ghaliex m’ghandhiex din l-Qorti:

1. tiddeciedi din il-kawza billi trendi ezegwibbli s-sentenza fl-ismijiet "Dr. Godwin Muscat Azzopardi nomine vs Joseph Camilleri u Carmelo Penza" deciza mill-Qorti tal-Kummerc fl-14 ta' Ottubru 1987;

Bl-ispejjez tal-prezenti kawza u bl-imghax mid-data tal-konsenja tal-injam mertu tal-ewwel kawza u cioe mit-8 ta' Gunju 1984;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Carmelo Penza fejn gie eccepit:-

1) Illi l-azzjoni attrici hija insostenibbli skond il-ligi billi l-attur qieghed, fic-citazzjoni odjerna, jitlob in eccess tal-kreditu kanonizzat bis-sentenza tal-Qorti tal-Kummerc tal-14 ta' Ottubru 1987 fil-kawza fl-ismijiet "Dr. Godwin Muscat Azzopardi nomine vs Joseph Camilleri u Carmelo Penza" liema sentenza ghaddiet in gudikat;

2) Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talba attrici ghall-imghax mid-data tal-konsenja, u cioe' mit-8 ta' Gunju

1984, hija insostenibbli, billi din it-talba gja' giet trattata u deciza fis-sentenza fuq citata;

3) Illi, dwar il-meritu, l-esponent umilment jeccepixxi illi, minn barra l-hlas effettwat mill-konvenut Joseph Camilleri, kif iddikjarat fil-premessi attrici, sar hlas ukoll mill-istess esponent ghak-kont tal-istess debitu, kif ser jigi ppruvat aktar dettaljatament waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Carmelo Penza debitament konfermata bil-gurament u l-lisa tax-xhieda tieghu;

Rat l-atti l-ohra kollha u d-dokumenti esibiti;

Semghet lill-attur nomine minn jeddu u bil-gurament;

Ikkonsidrat:

Mill-provi kollha prodotti t-talbiet attrici jirrizultaw sufficjentement pruvati u ghalhekk jisthoqqilhom li jigu akkolti. Dan ovvjament ghall-bilanc li fadal x'jithallas u bl-imghaxxijiet kif decizi fis-sentenza in kwestjoni;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici u tirrendi ezegwibbli s-sentenza fl-ismijiet "Dr. Godwin Muscat Azzopardi nomine vs Joseph Camilleri u Carmelo Penza" deciza mill-Qorti tal-Kummerc fl-14 ta' Ottubru 1987 u dana ghall-bilanc li fadal x'jithallas u bl-imghaxxijiet kif decizi fl-imsemmija sentenza;

Spejjez tal-prezenti kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------